# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 659/2013

## tal-10 ta' Lulju 2013

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru [trasportaturi tal-ajru] li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru [trasportaturi tal-ajru] li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport tal-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru [tat-trasportatur tal-ajru] li topera, u li thassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu [2],

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 [3] tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru [trasportaturi tal-ajru] li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(2) Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, xi Stati Membri u l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (l-"EASA") kkomunikaw lill-Kummissjoni informazzjoni li hija rilevanti fil-kuntest tal-aġġornar tal-lista Komunitarja. Informazzjoni rilevanti kienet ikkomunikata wkoll minn pajjiżi terzi. Il-lista Komunitarja trid tiġi aġġornata abbażi ta' din l-informazzjoni.

(3) Il-Kummissjoni infurmat lit-trasportaturi tal-ajru kollha kkonċernati jew direttament jew permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tagħhom, dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuqhom għandha tkun imsejsa deċiżjoni biex timponi fuqhom projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni Ewropea jew biex timmodifika l-kundizzjonijiet ta' projbizzjoni fuq l-operat imposta fuq trasportatur tal-ajru li huwa inkluż fil-lista Komunitarja.

(4) Il-Kummissjoni tat lit-trasportaturi tal-ajru kkonċernati l-opportunità li jikkonsultaw id-dokumenti pprovduti mill-Istati Membri, sabiex iressqu kummenti bil-miktub u biex jagħmlu preżentazzjoni orali quddiem il-Kummissjoni u lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/1991 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam [tal-]avjazzjoni ċivili [4].

(5) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru rċieva aġġornament mill-Kummissjoni dwar il-konsultazzjonijiet konġunti li kienu għaddejjin, fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u r-Regolament ta' implimentazzjoni tiegħu (KE) Nru 473/2006, mal-awtoritajiet kompetenti u t-trasportaturi tal-ajru tal-Istati tal-Curaçao u Sint Maarten, ir-Repubblika tal-Ginea, l-Indja, l-Iran, il-Kazakistan, il-Kirgiżistan, il-Możambik, u n-Nepal. Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru rċieva wkoll aġġornamenti mill-Kummissjoni dwar konsultazzjonijiet tekniċi mal-Federazzjoni Russa fejn jidħol il-monitoraġġ tal-Bolivja, it-Taġikistan u t-Turkmenistan.

(6) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru sema' l-preżentazzjonijiet tal-EASA dwar ir-riżultati tal-analiżi tar-rapporti ta' verifika [audit] imwettqa mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (l-ICAO) fil-qafas tal-Programm Universali ta' Verifika tas-Sorveljanza (Universal Safety Oversight Audit Programme - USOAP). L-Istati Membri ġew mistiedna jagħtu prijorità lil spezzjonijiet fir-rampa fuq it-trasportaturi tal-ajru mogħtija l-liċenzja minn stati li fil-każ tagħhom l-ICAO tkun identifikat Kwistjonijiet Sinifikanti dwar is-Sikurezza (Significant Safety Concerns, SSC) jew li fil-każ tagħhom l-EASA tkun ikkonkludiet li hemm nuqqasijiet sinifikanti fis-sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza. Minkejja l-konsultazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa se toffri l-possibbiltà li tinkiseb aktar informazzjoni dwar il-prestazzjoni tas-sikurezza fuq it-trasportaturi tal-ajru li huma detentrui ta' liċenzji f'dawk l-Istati.

(7) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru sema' l-preżentazzjonijiet tal-EASA dwar ir-riżultati tal-analiżi tal-ispezzjonijiet fir-rampa mwettqa taħt il-programm ta' Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin (SAFA) skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operati tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [5].

(8) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru sema' l-preżentazzjonijiet tal-EASA dwar il-proġetti ta' assistenza teknika mwettqa fi stati milquta mir-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Il-Kumitat ġie infurmat dwar it-talbiet għal aktar għajnuna u kooperazzjoni teknika għat-titjib fil-kapaċità amministrattiva u teknika tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili bil-għan li jiġu solvuti nuqqasijiet ta' konformità bi standards internazzjonali applikabbli. L-Istati Membri kienu mistiedna jirrispondu għal dawn it-talbiet fuq bażi bilaterali f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni u mal-EASA. F'din l-okkażjoni, il-Kummissjoni enfasizzat kemm huwa utli li tingħadda informazzjoni lill-komunità tal-avjazzjoni internazzjonali, partikolarment permezz tad-dejtabejż SCAN tal-ICAO, dwar l-assistenza teknika li tingħata mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha biex titjieb is-sikurezza tal-avjazzjoni madwar id-dinja.

[1] ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.
[2] ĠU L 143, 30.4.2004, p. 76.
[3] ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14.
[4] ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4.
[5] ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1.

**Ir-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea**

(9) Wara l-analiżi mill-EASA ta' informazzjoni li tirriżulta minn spezzjonijiet fir-rampa tas-SAFA (Safety Assessment of Foreign Aircraft – Valutazzjoni tas-Sikurezza fuq Inġenji tal-Ajru Barranin) li twettqu fuq inġenji tal-ajru ta' ċerti trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni jew minn spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni mwettqa mill-EASA kif ukoll spezzjonijiet u verifiki speċifiċi għal ċerti oqsma mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni tagħhom, uħud mill-Istati Membri wettqu ċerti miżuri ta' infurzar. Il-Greċja rrevokat iċ-Ċertifikat tal-Operaturi tal-Ajru (AOC) ta' Sky Wings fl-1 ta' Diċembru 2012 u Spanja rrevokat l-AOC ta' Mint Lineas Aereas fl-10 ta' April 2013.

(10) Barra minn hekk, l-Isvezja esprimiet lill-Kumitat it-tħassib tagħha rigward trasportatur tal-ajru, AS Avies, iċċertifikat l-Estonja, li kellu żewġ inċidenti serji fl-Isvezja fl-2013, li involvew il-ħruġ tiegħu mir-runway fi Frar u n-nuqqas ta' tħaddim, temporanju, taż-żewġ magni matul it-tlugħ f'Mejju. L-awtoritajiet kompetenti tal-Estonja infurmaw lill-Kumitat li huma ħadu għadd ta' azzjonijiet inkluża iktar sorveljanza, li jitolbu li trasportatur tal-ajru jiżviluppa Pjan ta' Azzjoni Korrettiva (PAK), u r-reviżjoni tal-aċċettazzjoni ta' Maniġer tas-Sikurezza u ta' Maniġer ta' Responsabbiltà.

**It-trasportaturi tal-ajru mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo**

(11) It-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo ilhom elenkati fl-Anness A minn Marzu 2006 ([1]). Wara l-inizjattiva reċenti mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo sabiex jerġgħu jiġu stabbiliti taħditiet attivi mal-Kummissjoni u l-EASA, huma pprovdew l-evidenza dokumentarja meħtieġa biex jippermettu aġġornament komprensiv tat-trasportaturi tal-ajru elenkati fl-Anness A.

(12) L-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo għarrfu lill-Kummissjoni, b'ittra datata t-12 ta' Ġunju 2013, li t-trasportaturi tal-ajru Air Baraka, Air Castilla, Air Malebo, Armi Global Business Airways, Biega Airways, Blue Sky, Ephrata Airlines, Eagles Services, GTRA, Mavivi Air Trade, Okapi Airlines, Patron Airways, Pegasus, Sion Airlines u Waltair Aviation ngħataw liċenzja biex joperaw. Madankollu, billi l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo ma pprovdiex evidenza li s-sorveljanza tas-sikurezza ta' dawn it-trasportaturi tal-ajru hija żgurata b'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, abbażi tal-kriterji komuni, ġie vvalutat li dawn it-trasportaturi għandhom jiddaħħlu fl-Anness A.

(13) L-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo għarrfu wkoll b'ittra datata t-12 ta' Ġunju 2013 li t-trasportaturi tal-ajru Bravo Air Congo, Entreprise World Airways (EWA), Hewa Bora Airways (HBA), Mango Aviation, TMK Air Commuter u Zaabu International, preċedentement elenkata fl-Anness A m'għandhomx liċenzja biex joperaw. B'riżultat ta' dan, qed jiġi stmat li dawn it-trasportaturi tal-ajru jridu jitneħħew mill-Anness A.

(14) L-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo spjegaw ukoll li, skont il-qafas legali tal-pajjiż, l-operazzjonijiet tat-trasport bl-ajru jirrikjedu kemm liċenzja biex joperaw u kemm AOC biex ikunu jistgħu jwettqu dan it-tip ta' operazzjonijiet, u li sa issa l-ebda operatur eżistenti ma jikkonforma maż-żewġ rekwiżiti. Il-proċess ta' ċertifikazzjoni tal-l-ICAO f'ħames fażijiet sadanittant beda f'April 2013 għal 5 operaturi (Korongo, FlyCAA, Air Tropiques, ITAB u Kinavia) u huwa mistenni jitlesta sal-aħħar ta' Settembru 2013. Fi tmiem dan il-proċess ta' ċertifikazzjoni, l-ANAC se tipprovdi lista ta' operaturi tal-ajru kollha ċċertifikati kif xieraq u fil-pussess ta' AOC validu.

(15) Il-Kummissjoni nnutat l-impenn min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, b'mod partikulari tal-Ministeru tat-Trasport, u tħeġġiġħom ikomplu bl-isforzi tagħhom lejn it-twaqqif ta' sistema ta' sorveljanza tal-avjazzjoni ċivili konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, u dan filwaqt li jibqgħu impenjati li jkomplu jiżviluppaw id-djalogu attiv li ġie stabbilit mill-ġdid riċentement.

**It-trasportaturi tal-ajru mir-Repubblika tal-Ginea**

(16) Inbdew konsultazzjonijiet formali mal-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Ginea f'Diċembru 2012 wara s-sejbiet dwar is-sikurezza mressqa mill-ICAO matul l-awditu li għamlet f'April 2012 u li kienu wasslu għal SSC rigward iċ-ċertifikazzjoni tal-operaturi tal-ajru.

(17) B'riżultat tat-tressiq tal-PAK, u tal-aċċettazzjoni u l-validazzjoni sussegwenti tiegħu min-naħa tal-ICAO, l-ICAO fid-29 ta' Mejju 2013 ħabbret li kienet neħħiet l-SSC.

(18) Saret laqgħa ta' konsultazzjoni fi Brussell f'Jannar 2013 bejn il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-EASA, u l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Ginea. Matul dik il-laqgħa, l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Ginea taw tagħrif komprensiv dwar l-aħħar żviluppi fir-rigward tal-istatus tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva ppreżentat mal-ICAO f'Diċembru 2012.

(19) Skont l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Ginea, it-trasportaturi tal-ajru Sahel Aviation Service, Eagle Air, Probiz Guinée u Konair huma fil-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid. Ħadd minnhom ma jittajjar fl-ispazju tal-ajru tal-Unjoni. Dawn l-awtoritajiet infurmaw ukoll li l-AOC tat-trasportaturi tal-ajru GR-Avia, Elysian Air, Sky Guinée Airlines u Sky Star Air ġew sospiżi.

([1]) Il-premessi (60) sa (64) tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 tas-22 ta' Marzu 2006, ĠU L 84, 23.3.2006, p. 18.

(20) L-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Ginea qablu li jżommu lill-Kummissjoni infurmata dwar kwalunkwe żvilupp sinifikanti rigward il-progress fl-implimentazzjoni tal-istandards tal-ICAO, u dan jippermetti monitoraġġ regolari tas-sitwazzjoni.

(21) Jekk xi informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza tkun tindika li hemm riskji imminenti għas-sikurezza bħala konsegwenza ta' nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali ta' sikurezza, il-Kummissjoni tkun imġieġħla tieħu azzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

**It-trasportaturi tal-ajru mill-Indoneżja**

(22) Il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Indoneżja (id-DGCA) għadhom għaddejjin bil-għan li jiġi mmonitorjat il-progress tad-DGCA fl-iżgurar tas-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi kollha tal-ajru ċċertifikati fl-Indoneżja b'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(23) Wara l-vidjokonferenza li saret bejn il-Kummissjoni, l-EASA u d-DGCA fit-18 ta' Ottubru 2012, id-DGCA kompliet taħdem biex ittejjeb is-sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza tal-avjazzjoni Indoneżjana u biex tindirizza s-sejbiet li tqajmu mill-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni tal-Istati Uniti ("FAA") matul iż-żjara ta' Valutazzjoni Teknika tagħha li seħħet f'Settembru 2012. Wara l-pubblikazzjoni uffiċjali tar-rapport FAA, id-DGCA iltaqgħet mal-FAA u qablet dwar Pjan ta' Azzjoni Korrettiva ('PAK').

(24) F'April 2013, id-DGCA ipprovdiet lill-Kummissjoni b'kopja dettaljata tal-PAK li indikat il-progress li sar, u infurmat li kienet ġiet stabbilita Sistema ta' Taħriġ għall-Ispetturi, li kienu ġew rieżaminati r-regolamenti tas-sikurezza tal-avjazzjoni u li kienu ġew approvati struzzjonijiet tal-ispezzjoni tal-persunal għall-Operazzjonijiet Doppji fuq Distanza Estiża (ETOPS) u Navigazzjoni Abbażi ta' Prestazzjoni/Prestazzjoni tan-Navigazzjoni Mitluba (PBN/RNP) u abbozzati għall-Operazzjonijiet tat-Temp Kollha (AWOPS).

(25) Id-DGCA kkonfermat li ċ-ċertifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru, tar-rotot, tal-faċilitajiet fl-istazzjon, tal-maniġġ fuq l-art, tal-manutenzjoni, tal-manwali u tal-ekwipaġġi ta' Citilink Indonesia, bħala amministrazzjoni kienu għadhom taħt l-immaniġjar ta' Garuda Indonesia.

(26) Id-DGCA pprovdiet ukoll informazzjoni aġġornata rigward ċerti trasportaturi tal-ajru taħt is-sorveljanza tagħhom. Huma infurmaw li żewġ trasportaturi tal-ajru ġodda kien inħarġ ċertifikat ta' Operatur tal-Ajru (AOC), jiġifieri martabuana abadion fit-18 ta' Ottubru 2012 u komala l-Indoneżja fit-8 ta' Jannar 2013 u li INTAN ANGKASA AIR SERVICES kien ġie ċċertifikat mill-ġdid. Madankollu, billi d-DGCA ma pprovditx evidenza li s-sorveljanza tas-sikurezza ta' dawn it-trasportaturi tal-ajru huwa żgurat b'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, abbażi tal-kriterji komuni, ġie vvalutat li dawn it-trasportaturi għandhom jiddaħħlu wkoll fl-Anness A. [make sure that Annex A is updated accordingly]

(27) Barra minn hekk, id-DGCA għarrfet li l-AOC ta' Sebang Merauke Air Charter kien ġie sospiż fit-18 ta' Settembru 2012.

(28) Barra minn hekk, id-DGCA għarrfet li l-AOC ta' Metro Batavia kien ġie revokat fl-14 ta' Frar 2013. Konsegwentement, Metro Batavia għandu jitneħħa mill-Anness A.

(29) Id-DGCA għamlet preżentazzjoni quddiem il-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru fil-25 ta' Ġunju 2013. Minbarra li għarrfet lill-Kumitat fuq l-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni f'April 2013, id-DGCA kkonfermaw li kull detentur ta' AOC li jkun jixtieq jespandi l-flotta tiegħu ried ikollu l-approvazzjoni tad-DGCA u li, f'ċerti okkażjonijiet, huma rrifjutaw tali permess. Madankollu, id-DGCA ma kinux intervjenew fil-pjanijiet ta' espansjoni ta' Lion Air għaliex ikkunsidraw li kellhom biżżejjed riżorsi u li kienu kkontrollati tajjeb. Dwar l-inċident ta' Lion Air Boeing B737-800 fit-13 ta' April 2013, id-DGCA għarraf li r-rapport ta' inċident interim kien ġie ppubblikat. Ir-rapport għamel tliet rakkomandazzjonijiet dwar l-inżul taħt proċeduri minimi fejn jidħlu l-għoti tal-kontroll u t-taħriġ assoċjat. Id-DGCA tat rendikont dettaljat tal-azzjonijiet li kienu ħadu sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet li jikkonċernaw l-inċident, inkluż it-twettiq ta' verifika ta' sikurezza ta' Lion Air u l-iżgurar li t-trasportatur tal-ajru kien ħa azzjonijiet korrettivi b'riżultat tar-rapport preliminari.

(30) Lion Air attendew is-smigħ u wieġbu għall-mistoqsijiet mill-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru. Lion Air iddikjaraw li kienu kapaċi jiksbu riżorsi adegwati biex jimmaniġġjaw l-espansjoni kontinwa tal-flotta tagħhom, imma kienu aċċettaw rekwiżiti minimi ta' liċenzja fil-każ tal-kaptani u tal-ewwel uffiċjali meta ġew biex jirreklutaw l-ekwipaġġ għall-ajruplani tagħhom u ma talbux esperjenza addizzjonali. Dwar l-inċident il-kumpanija ddikjarat li kienet qiegħda timplimenta r-rakkomandazzjonijiet ifformulati fir-rapport interim tal-inċident, iżda kienet qed tistenna rapport finali biextjidentifika l-kawżi ewlenin. Lion Air iddikjaraw li ppromwovew is-sikurezza u użaw dejta miksuba mill-programm tagħhom Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Operazzjonijiet ta' Titjir (FOQA) biex jiġu identifikati l-perikli. Il-kumpanija ddikjarat li ma kenitx għadha kisbet ir-reġistrazzjoni mill-Awditu dwar iS-Sikurezza Operazzjonali mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IOSA).

(31) Il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru osservaw il-progress tajjeb li sar mid-DGCA u l-pjan tagħhom li jistiednu l-FAA biex tagħmel awditu tal-IASA f'Awwissu 2013. Il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru tkompli tinkoraġġixxi l-isforzi tad-DGCA biex tintlaħaq il-mira tagħhom li jistabbilixxu sistema ta' avjazzjoni konformi bis-sħiħ mal-istandards tal-ICAO.

(32) Dwar Lion Air, il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru osservaw bi ħassib il-livelli baxxi ta' esperjenza tal-bdoti li jiġu rreklutati u użati mill-kumpanija tal-ajru u anki r-risposti għall-mistoqsijiet dwar l-immaniġġjar tas-sikurezza tal-linja tal-ajru u għalhekk se jkomplu jimmonitorjaw mill-qrib il-prestazzjoni ta' dan it-trasportatur tal-ajru fejn tidħol is-sikurezza.

**It-trasportaturi tal-ajru mill-Kazakistan**

(33) Konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Kazakistan komplew għaddejjin b'mod attiv bil-għan li jiġi mmonitorjat il-progress ta' dawn l-awtoritajiet kompetenti fl-iżgurar tas-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi kollha tal-ajru ċċertifikati fil-Kazakistan b'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(34) Skont ir-Regolament (UE) Nru 1146/2012, Air Astana kienet għarrfet ripetutament dwar il-prestazzjoni tas-sikurezza tagħha u t-tibdil fil-flotta permezz tal-ittri tat-23 ta' Novembru 2012, it-30 ta' Jannar 2013, l-14 ta' Marzu 2013, id-29 ta' Marzu 2013 u t-13 ta' Mejju 2013 indirizzati lill-Kummissjoni. Huma pprovdew ukoll kopja taċ-ċertifikat ta' operatur tal-ajru ġdid tagħhom u tal-ispeċifikazzjonijiet tal-operazzjonijiet ġodda, maħruġa fit-22 ta' April 2013. Bħala riżultat tal-iżviluppi fil-flotta, l-inġenji tal-ajru Fokker 50 ma għadhomx jidħru fl-m'għandhomx jibqgħu jidħru fl-ispeċifikazzjonijiet tal-operazzjonijiet tagħhom. B'riżultat ta' dan, l-Anness B ta' dan ir-Regolament għandu jiġi emendat skont dan.

(35) Fit-12 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-EASA, kellha konsultazzjonijiet tekniċi mal-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan u r-rappreżentant ta' Air Astana. Matul dik il-laqgħa l-awtoritajiet kompetenti tal-Kazakistan rrappurtaw li kienu għamlu progress f'riforma ambizzjuża tas-settur tal-avjazzjoni, bil-għan li jallinjaw il-qafas ġuridiku u regolatorju tal-avjazzjoni tal-Kazakistan mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(36) Matul din il-laqgħa, Air Astana pprovdiet aktar informazzjoni dwar l-iżviluppi tal-flotta tagħha għall-2012-2014. B'mod partikolari, Air Astana infurmat li diversi inġenji tal-ajru nqatgħu gradwalment u li bil-mod il-mod qed jiġu introdotti inġenji tal-ajru ġodda fis-serje B767, B757, A320 u fil-flotot tal-Fokker 50 eżistenti, u dawn huma diġà msemmija fl-Anness B għal dan ir-Regolament. L-inġenji tal-ajru ġodda akkwistati kollha se jiġu reġistrati f'Aruba. Kemm l-awtorità kompetenti tal-Kazakistan u kemm Air Astana impenjaw ruħhom li jinfurmaw lill-Kummissjoni kemm-il darba fiċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru ta' Air Astana jiġi speċifikat inġenju tal-ajru ġdid.

(37) Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-EASA kkonfermaw li l-ebda tħassib speċifiku ma rriżulta mill-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu fl-ajruporti tal-Unjoni fil-qafas tal-programm tal-SAFA.

(38) L-Istati Membri se jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards relevanti tal-istandards tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni u l-ispezzjonijiet fir-rampa li għandhom isiru fuq l-inġenji tal-ajru ta' Air Astana skont ir-Regolament (KE) Nru 965/2012. Fil-każ li r-riżultati ta' tali verifiki, jew kwalunkwe informazzjoni tas-sikurezza relevanti oħra, jindikaw li l-istandards internazzjonali tas-sikurezza mhux qed jiġu ssodisfati, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(39) Il-Kummissjoni tkompli tappoġġa r-riforma ambizzjuża tas-sistema tal-avjazzjoni ċivili li adottaw l-awtoritajiet tal-Kazakistan, u tistieden lil dawn l-awtoritajiet biex b'determinazzjoni jkomplu l-isforzi tagħhom lejn it-twaqqif ta' sistema ta' sorveljanza tal-avjazzjoni ċivili f'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Għal dak il-għan, tħeġġeġ lil dawn l-awtoritajiet li jkomplu l-implimentazzjoni tal-PAK miftiehem mal-ICAO u dan filwaqt li jisħqu fuq il-prijorità liż-żewġ SSCs pendenti, u ċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid tal-operaturi kollha taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Ladarba dawn l-SSCs issa ngħalqu għas-sodisfazzjon tal-ICAO, u li l-implimentazzjoni tal-istandards tal-ICAO hija dokumentata b'mod sodisfaċenti, il-Kummissjoni tkun lesta li torganizza, bl-għajnuna tal-EASA u bl-appoġġ tal-Istati Membri, valutazzjoni fuq il-post biex tivverifika l-progress miksub u tħejji reviżjoni tal-każ fil-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru.

**It-trasportaturi bl-ajru mill-Kirgiżistan**

(40) Il-Kummissjoni tkompli għaddejja bil-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Kirgiżistan bil-għan li jiġu indirizzati r-riskji ta' sikurezza, li wasslu għal restrizzjonijiet fuq l-operat kollu tat-trasportaturi tal-ajru Kirgiżi, inklużi l-kapaċitajiet tal-istat tal-Kirgiżistan fejn tidħol is-sorveljanza tas-sikurezza fl-oqsma tal-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru u l-manutenzjoni. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tfittex li tiżgura li qed isir progress fir-rigward ta' xi whud mir-riżultati li ħarġu mill-awditu tal-2009 tal-ICAO USOAP, li għandhom impatt potenzjali fuq is-sikurezza tal-avjazzjoni internazzjonali.

(41) Fit-23 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-EASA, kellha konsultazzjonijiet tekniċi mal-awtoritajiet kompetenti tal-Kirgiżistan sabiex jiġu identifikati dawk it-trasportaturi bl-ajru li ċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tagħhom jilħqu l-istandards internazzjonali tas-sikurezza, u li fil-każ tagħhom ikunu jistgħu jintreħew, gradwalment, ir-restrizzjonijiet li hemm. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet kompetenti Kirgiżi qablu li jikkooperaw billi jipprovdu informazzjoni li tista' tkun utli biex jintlaħaq xi progress. Ir-rappreżentanti tal-Kirgiżistan qablu wkoll li jipprovdu aġġornament dwar l-azzjoni korrettiva li tkun ittieħdet biex jissolvew is-sejbiet tal-ICAO pendenti, hekk li jkun possibbli li jiġi rieżaminat il-każ.

(42) Waqt il-laqgħa, l-awtoritajiet Kirgiżi kkonfermaw li fit-8 ta' Novembru 2012 ngħata ċertifikat ta' operatur tal-ajru lil Sky Bishkek. Madankollu, billi l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo ma pprovdiex evidenza li s-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru hija żgurata b'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, abbażi tal-kriterji komuni, ġie vvalutat li dawn it-trasportaturi għandhom jiddaħħlu fl-Anness A.

(43) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru jistieden lill-awtoritajiet kompetenti tal-Kirgiżistan sabiex jaċċelleraw il-proċess ta' implimentazzjoni tal-PAK li ntlaħaq ftehim dwaru mal-ICAO u li jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li s-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru kollha li huma ċċertifikati fil-Kirgiżistan tkun konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(44) Ladarba dawn l-SSCs jingħalqu għas-sodisfazzjon tal-ICAO, u li l-implimentazzjoni tal-istandards tal-ICAO tiġi dokumentata b'mod sodisfaċenti, il-Kummissjoni tkun lesta torganizza, bl-għajnuna tal-EASA u bl-appoġġ tal-Istati Membri, valutazzjoni fuq il-post biex tikkonferma li l-awtoritajiet tal-Kirgiżistan jistgħu jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' sorveljanza skont l-istandards internazzjonali u jippreparaw rieżami tal-każ fil-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru.

**Trasportaturi tal-ajru mil-Libja**

(45) Konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Libja (LCAA) għadhom għaddejjin bil-għan li jikkonfermaw li l-Libja miexja 'l quddiem fix-xogħol tagħha biex tirriforma s-sistema tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili tagħha, u b'mod partikolari biex tassigura li s-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati fil-Libja hija konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(46) Fil-25 ta' April 2013, l-LCAA ressqet rapport dwar l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid imwettqa fuq it-trasportatur tal-ajru Libyan Airlines. Ir-rapport iddeskriva proċess ta' ħames fażijiet konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-ICAO iżda ma pprovda l-ebda evidenza ddettaljata assoċjata mal-attivitajiet ta' spezzjoni. Il-Kummissjoni fittxet aktar dettalji u fid-29 ta' April 2013 l-LCAA ressqet sommarju tas-sejbiet li tqajmu flimkien mal-azzjonijiet meħuda minn Libyan Airlines sabiex jikkonkludu s-sejbiet fiż-żoni inklużi fil-kampjun.

(47) Fl-4 ta' Ġunju 2013, il-LYCAA kitbet lill-Kummissjoni u infurmatha li Libyan Airlines issa ma kinitx se tiġi kkunsidrata biexbiex jitneħħewlha xi restrizzjonijiet, bħala raġuni qalet li kien hemm tibdil fil-maniġment tal-linja tal-ajru u għaldaqtstant kien hemm bżonn li jiġi eżaminat l-impatt ta' dawn il-bidliet fuq is-sikurezza operattiva ta' dan it-trasportatur tal-ajru.

(48) Fis-26 ta' Ġunju 2013 il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru sema' l-preżentazzjonijiet mil-LYCAA. Il-LYCAA għarrfet lill-kumitat dwar l-azzjonijiet meħuda sa dakinhar u dwar il-progress biċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid tat-trasportaturi tal-ajru Libjani. Huma spjegaw li dawn ma kinux f'pożizzjoni li jirrakkomandaw li xi trasportatur tal-ajru Libjan jitnaqqsulu r-restrizzjonijiet attwali. Huma pprovdew skedi ta' żmien dwar meta kienu jaħsbu li t-trasportaturi tal-ajru se jkunu lestew il-proċess taċ-ċertifikazzjoni. Huma qalu li r-rapport dwar l-inċident tal-Afiqiyah Airways Airbus A330 kien ġie ppubblikat, u li l-LYCAA kienet f'diskussjoni mal-ICAO u ma' għadd ta' Awtoritajiet Nazzjonali tal-Avjazzjoni biex tipprovdi għajnuna teknika addizzjonali.

(49) Il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru osservaw ili l-LCAA se żżomm ir-restrizzjonijiet attwali fuq trasportaturi tal-ajru oħrajn sakemm titlesta ċertifikazzjoni mill-ġdid f'ħames stadji u sakemm jingħalqu s-sejbiet sinifikanti magħluqa biex wara dan biss, bi ftehim mal-Kummissjoni, trasportaturi bl-ajru individwali jistgħu jingħataw permess biex terġa' tibda titjiriet kummerċjali lejn l-Unjoni.

(50) Barra minn hekk, għal kull trasportatur tal-ajru ċċertifikat mill-ġdid, l-LCAA intrabtet li tissottometti lill-Kummissjoni informazzjoni dettaljata dwar il-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, kif ukoll li tiltaqa' mal-Kummissjoni u l-Istati Membri biex tiddiskuti fid-dettall il-verifiki relevanti, is-sejbiet, l-azzjonijiet ta' rimedju meħuda u l-azzjonijiet ta' għeluq, flimkien ma' dettalji tal-pjanijiet biex titkompla s-sorveljanza qabel ma jsir qbil dwar l-illaxkar ta' restrizzjonijiet. Jekk din l-informazzjoni tonqos milli turi, b'mod illi jissodisfa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, li l-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid intemm effettivament u li sorveljanza kontinwa sostenibbli qiegħda fis-seħħ skont l-istandards tal-ICAO, il-Kummissjoni ikollha tieħu miżuri biex tevita li t-trasportaturi tal-ajru joperaw fl-ispazju tal-ajru tal-UE, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Islanda.

**Air Madagascar**

(51) It-trasportatur bl-ajru Air Madagascar huwa suġġett għal restrizzjonijiet operattivi u huwa elenkat fl-Anness B skont ir-Regolament (UE) Nru 390/2011. Fl-24 ta' Mejju 2013, it-trasportatur bl-ajru Air Madagascar għamel it-talba biex iżid l-inġenji tal-ajru tat-tip B-737 bil-marka tar-reġistrazzjoni 5R-MFL mal-lista ta' inġenji tal-ajru tat-tip B-737 li diġà jissemmew fl-Anness B.

(52) Air Madagascar ddikjaraw u taw evidenza li l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-flotta tagħhom tjiebet. L-awtoritajiet kompetenti tal-Madagaskar (ACM) iddikjaraw li, fir-rigward tal-operazzjonijiet imwettqa bl-inġenju tal-ajru tat-tip B-737, jinsabu sodisfatti bil-livell attwali ta' konformità murija minn Air Madagascar fir-rigward tar-rekwiżiti tal-IACO. Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-EASA kkonfermaw li ma rriżultat ebda kwistjoni speifika mill-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu fl-ajruporti tal-Unjoni fil-qafas tal-programm tas-SAFA.

(53) Filwaqt li tqis il-prestazzjoni tas-sikurezza tal-operazzjonijiet imwettqa minn Air Madagascar bl-inġenju tal-ajru tat-tip B-737 u bi qbil mal-kriterji komuni, il-Kummissjoni, wara l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru, tqis li l-inġenju tal-ajru tat-tip B-737 bil-marka tar-reġistrazzjoni 5R-MFL għandu jitħalla jtir lejn l-Unjoni. Għaldaqstant, l-Anness B għandu jiġi emendat biex jippermetti t-tħaddim tal-inġenji tal-ajru tat-tip B737 bil-marka tar-reġistrazzjoni 5R-MFL.

(54) L-Istati Membri se jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards relevanti tal-istandards tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni u l-ispezzjonijiet fir-rampa li għandhom isiru fuq l-inġenji tal-ajru ta' Air Astana skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

**Trasportaturi tal-ajru mir-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja**

(55) It-trasportaturi tal-ajru kollha fil-Mawritanja tneħħew mill-Anness A f'Diċembru 2012 ([1]), u dan fid-dawl ta' għadd ta' fatturi: L-akbar progress irrappurtat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Mawritanja (ANAC) fir-rettifika tan-nuqqasijiet identifikati mill-ICAO dwar il-konformità mal-istandards internazzjonali, ir-rettifika tan-nuqqasijiet identifikati fiċ-ċertifikazzjoni inizjali tat-trasportatur bl-ajru Mauritania Airlines International (MAI), il-konferma li l-MAI se terġa' tibda titjiriet lejn l-Unjoni għal Las Palmas de Gran Canaria, Spanja, u għal hemmhekk biss, wara Frar 2013, u l-impenn tal-Kummissjoni li tagħmel żjara ta' valutazzjoni tas-sikurezza fuq il-post biex tikkonferma l-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-miżuri rrappurtati mill-ANAC u minn MAI.

(56) Il-Kummissjoni wettqet żjara ta' valutazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni fuq il-post fil-Mawritanja bejn 14 u 18 ta' April 2013, bl-assistenza tal-EASA u l-appoġġ tekniku tal-Istati Membri.

(57) Matul iż-żjara, l-ANAC pprovdiet l-iskwadra ta' valutazzjoni biex tixhed l-impenn qawwi u l-kapaċità tagħha li tikkonforma mal-istandards ta' sikurezza tal-avjazzjoni tal-ICAO u biex tassumi r-responsabbiltajiet tagħha rigward iċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tat-trasportaturi bl-ajru li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha b'mod sostenibbli. B'mod partikolari, l-iskwadra ta' valutazzjoni qieset li l-ANAC uriet li kien sar progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva tagħha biex din tikkonforma mal-istandards tal-ICAO, li għandha l-persunal kwalifikat meħtieġ, ir-regolamenti u l-proċeduri meħtieġa, li din timmaniġġja u timplimenta pjan ta' sorveljanza xierqa u komprensiva u li għandha fis-seħħ sistema bil-għan li din tindirizza l-kwistjonijiet dwar is-sikurezza identifikati. Dawk il-konsiderazzjonijiet wieħed wasal għalihom filwaqt li tqies id-daqs limitat attwali u l-livell ta' attività tal-industrija tal-linji tal-ajru fil-Mawritanja u r-ristrutturar reċenti tal-ANAC.

(58) Il-MAI ukoll saritilha żjara mill-iskwadra ta' valutazzjoni, li sabet evidenza tal-abbiltà tal-linja tal-ajru li tikkonforma ma' standards ta' sikurezza tal-avjazzjoni tal-ICAO għall-operazzjonijiet bl-ajru, speċjalment fir-rigward tal-ajrunavigabbiltà, il-kwalifiki u t-taħriġ, il-manwali u l-proċeduri ta' sikurezza u l-identifikazzjoni u s-soluzzjoni ta' kwistjonijiet ta' sikurezza identifikati matul kontrolli interni u esterni, bħal fl-attivitajiet ta' monitoraġġ imwettqa mill-ANAC.

(59) Madankollu, il-grupp ta' valutazzjoni sab ukoll li l-ANAC u l-MAI kellhom ikomplu l-implimentazzjoni effettiva ta' ċerti rekwiżiti internazzjonali, partikolarment fl-oqsma ta' taħriġ speċifiku u rikorrenti tal-persunal tekniku, il-kostumizzazzjoni u l-aġġornament ta' manwali, proċeduri u listi ta' kontroll, monitoraġġ u d-dokumentazzjoni kollha attivitajiet ta' sorveljanza kontinwa, sistema mtejba ta' rappurtar tal-inċidenti u analiżi, l-implimentazzjoni ulterjuri tas-sistemi tal-ġestjoni tas-sikurezza (SMS) u analiżi tad-dejta tat-titjiriet mill-MAI. Il-MAI għandha tkompli timplimenta wkoll is-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sikurezza (SMS) tagħha u l-analiżi tad-dejta tat-titjiriet.

(60) L-ANAC u l-MAI instemgħu wkoll mill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru fis-26 ta' Ġunju 2013. Matul il-laqgħa, l-ANAC u l-MAI ipprovdew dettalji dwar il-progress li sar bil-għan li jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet identifikati matul iż-żjara fuq il-post. L-ANAC irrappurtat aġġornamenti fil-proċeduri, fiċ-ċekkjaturi, fil-pjanijiet ta' taħriġ u ta' sorveljanza u fil-programm ta' taħriġ tagħhom. Tat ukoll evidenza tal-prestazzjoni tal-ispezzjonijiet immirati fuq il-MAI, ta' kampanja ta' għarfien, mifruxa sew, dwar ir-rappurtar tal-inċidenti u infurmat dwar iż-żieda fl-aċċess għal informazzjoni teknika mingħand il-manifatturi tal-magni. L-ANAC spjegat li kienet qed twettaq sorveljanza mill-qrib tal-MAIm inluż għadd ta' spezzjonijiet fir-rampa, u kienet qed tieħu azzjonijiet sodi ta' infurzar fejn kien hemm bżonn.

(61) Il-MAI irrappurtat li kienet bdiet it-titjiriet tagħha lejn Las Palmas de Gran Canaria fit-8 ta' Mejju 2013 u li kienet abbozzat ukoll pjan ta' azzjoni bil-għan li jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet kollha mqajma minn l-iskwadra ta' valutazzjoni. Ħafna mill-azzjonijiet tal-Pjan ingħalqu inklużi, fost l-oħrajn, aġġornament ta' manwali, proċeduri ġodda u nominazzjoni ta' kariga għall-ġestjoni tal-kwalità u tas-sikurezza. Il-MAI irrikonoxxiet li l-implimentazzjoni tal-SMS kienet miexja iżda ma kinitx għadha operattiva għalkollox.

(62) L-ewwel żewġ spezzjonijiet fir-rampa mwettqa minn Spanja fuq l-inġenji tal-ajru tal-MAI, fit-8 u t-22 ta' Mejju 2013, urew għadd ta' konklużjonijiet, l-aktar dwar kundizzjonijiet ta' manutenzjoni, iżda l-għadd tagħhom u l-gravità naqsu matul it-tielet spezzjoni fir-rampa mwettqa fit-12 ta' Ġunju. Spanja kkonfermat li l-MAI kienet ipprovdiet informazzjoni biex jingħalqu s-sejbiet miftuħa, li kienu għadhom qed jiġu studjati minn Spanja.

(63) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru apprezza t-titjib li sar mill-ANAC u mill-MAI sabiex timplimenta l-istandards internazzjonali tas-sikurezza, u inkoraġġiethom ikomplu jitjiebu bl-istess determinazzjoni. L-ANAC u l-MAI ntalbu jipprovdu rapporti regolari lill-Kummissjoni, tal-anqas darbtejn fis-sena, dwar il-progress tagħhom fl-implimentazzjoni ta' rekwiżiti tal-ICAO u fl-indirizzar ta' rakkomandazzjonijiet li għadhom miftuħa, partikolarment fir-rigward tas-sistema ta' rappurtar ta' inċidenti u ta' analiżi fl-ANAC u l-implimentazzjoni tal-SMS u l-analiżi

([1]) Il-Premessi (71) sa (81) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1146/2012, ĠU L 333, 5.12.2012 p 7.

tad-dejta tat-titjiriet fil-MAI. L-ANAC intrabtet li tinforma lill-Kummissjoni dwar il-linji tal-ajru kummerċjali ġodda li jkunu ċċertifikati mill-ANAC.

(64) L-Istati Membri se jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards relevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li għandhom jitwettqu fuq l-inġenji tal-ajru ta' trasportaturi tal-ajru liċenzjati fil-Mawritanja skont ir-Regolament (KE) Nru 965/2012.

(65) Fil-każ li r-riżultati tal-ispezzjonijiet fir-rampa, jew kwalunkwe informazzjoni tas-sikurezza relevanti oħra, jindikaw li l-istandards internazzjonali tas-sikurezza mhux qed jiġu ssodisfati, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

**It-trasportaturi bl-ajru mill-Możambik**

(66) L-awtoritajiet kompetenti tal-Możambik (Istitut tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Możambik — IACM) u rappreżentanti tat-trasportatur bl-ajru Linhas Aéreas de Moçambique (LAM) iltaqgħu mal-Kummissjoni u l-EASA fi Brussell fil-31 ta' Mejju 2013. L-IACM wasslet tagħrif komprensiv dwar l-istatus attwali tal-implimentazzjoni tal-PAK mgħoddi lill-ICAO. Il-LAM tat tagħrif fit-tul dwar l-istatus attwali tal-adozzjoni ta' standards tas-sikurezza internazzjonali fl-istruttura u l-operat ta' kuljum tagħha kif ukoll dwar il-pjanijiet ta' espansjoni tagħha.

(67) L-awtoritajiet kompetenti tal-Możambik ippreżentaw fiddettall l-istruttura interna u l-persunal tal-organizzazzjoni tagħhom u ddeskrivew l-iskala u s-sustanza tal-attivitajiet tagħhom. Il-fluss varju ta' attivitajiet attwali u dawk tal-passat, flimkien mal-iskedi ta' żmien rispettivi, ġew esplorati u tqiegħdu fil-kuntest tal-PAK li ntlaħaq ftehim dwaru mal-ICAO. Il-biċċa l-kbira ta' dawk l-azzjonijiet iridu jiġu implimentati sa nofs Ġunju 2013. L-għadd u l-volum tal-azzjonijiet, kif ukoll l-iskadenzi stretti, juru impenn sod mill-awtoritajiet, iżda jistgħu jeħtieġu skedar mill-ġdid sabiex jippermettu implimentazzjoni realistika. L-awtoritajiet huma għalkollox konxji minn dan u qegħdin fil-proċess li jirrevedu xi whud mill-iskadenzi fil-PAK, verżjoni riveduta li dalwaqt se tingħadda lill-ICAO. L-aktar oqsma importanti li se jiġu indirizzati fl-2014 u l-2015 huma relatati ma' aspetti speċifiċi fil-qafas legali, kwistjonijiet organizzattivi li jkun għad fadal fl-istruttura interna tal-awtorità u temi amrbuta mal-ajrunavigabbiltà. L-operaturi bl-ajru kollha għaddew minn proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid f'ħames fażijiet, li fi tmiemu 8 operaturi (Linhas Aéreas de Moçambique LAM S.A., Moçambique Expresso SARL MEX, CFM-TTA S.A., Kaya Airlines Lda, CR Aviation, Coastal Aviation, CFA-Mozambique S.A., TTA SARL) issa huma ċċertifikati b'mod sħiħ u 5 (Emilio Air Charter Lda, Aero-Servicos SARL, Helicopteros Capital Lda, UNIQUE Air Charter Lda, ETA Air Charter Lda) ġielhom sospiż l-AOC tagħhom.

(68) Ir-rappreżentanti ta' LAM taw preżentazzjoni dettaljata tal-kumpanija, dwar l-istruttura interna tagħha, il-persunal, u l-iskala tal-operazzjonijiet u ddeskrivew l-attivitajiet ta' taħriġ kif ukoll id-diversi sħubiji operazzjonali li l-kumpanija daħlet għalihom. Il-linja tal-ajru stabbilixxiet sħubijiet strateġiċi ma' linji tal-ajru oħra fil-Portugall, il-Kenja, l-Afrika t'isfel, l-Angola, iż-Żambja u l-Etjopja (Moçambique Expresso MEX hija kumpanija sussidjarja tal-ajru reġjonali li twassal lill-passiġġieri fl-ajruport ċentrali, ippossedut a 100 %), l-organizzazzjonijiet ta' taħriġ (fl-Afrika t'Isfel u l-Etjopja) u organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni (fil-Portugall, il-Brażil, l-Afrika t'isfel u l-Kenja). Is-sistemi interni ta' appoġġ għas-sikurezza ġew deskritti flimkien mal-mobilizzazzjoni li hemm ippjanata tal-fażijiet li jmiss. Il-Fażi I (Ippjanar u Organizzazzjoni) kienet tlestiet parti kbira sew minnha sal-2011 (xi attivitajiet li għadhom għaddejjin se jiġu konklużi fl-2014). Il-Fażi II (Proċessi Reattivi) kienet implimentata parti sew minnha bejn l-2005 u l-2009, b'żewġ proċessi li se jitlestew sal-2014. Ħafna mill-azzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' Fażi III (Proċessi Proattivi u Predittivi) għadhom għaddejjin, bid-data tat-tlestija stipulata għall-2014-2015, filwaqt li 3 mill-proċessi ġew implimentati sal-2009. Il-biċċa l-kbira tal-Fażi IV (Garanzija tas-Sikurezza Operazzjonali u Titjib Kontinwu) hija ppjanata għall-mobilizzazzjoni fl-2014-2015, bi proċess wieħed li tlesta fl-2009.

(69) Taw informazzjoni wkoll dwar l-istrateġija u l-pjan ta' espansjoni tagħhom, inklużi r-rotot il-ġodda u l-evoluzzjoni tal-flotta.

(70) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru apprezza l-progress irrappurtat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Możambik fir-rettifika tan-nuqqasijiet identifikati mill-ICAO u inkoraġġixxa l-isforzi tagħhom biex ilestu x-xogħol tagħhom li jistabbilixxu sistema ta' avjazzjoni konformi bis-sħiħ mal-istandards tal-ICAO.

**It-trasportaturi bl-ajru min-Nepal**

(71) Ir-riżultati tal-awditu tal-ICAO f'Mejju 2009 sabu li n-Nepal mhux f'konformità effettiva mal-biċċa l-kbira tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Għalkemm ma kienu identifikati ebda SSCs, mill-awditu ħareġ li l-awtorità kompetenti fin-Nepal ma kinitx f'qagħda li tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards internazzjonali dwar is-sikurezza fl-oqsma tal-operazzjonijiet bl-ajru, l-ajrunavigabbiltà u l-investigazzjonijiet ta' inċidenti, u li kien hemm biżżejjed sejbiet li jirriflettu n-nuqqas fl-abbiltà tal-pajjiż fl-oqsma tal-leġiżlazzjoni primarja dwar l-avjazzjoni u r-regolamenti dwar l-avjazzjon ċivili, l-organizzazzjoni tal-avjazzjoni ċivili u l-għoti ta' liċenzji u ta' taħriġ lill-istaff.

(72) Ħames inċidenti fatali, li jinvolvu numru ta' ċittadini mill-UE, seħħew fin-Nepal u kienu jinvolvu inġenji tal-ajru rreġistrati n-Nepal matul perjodu ta' sentejn (Awwissu 2010 — Settembru 2012). Barra minn hekk, kien hemm tliet inċidenti oħra fl-2013.

(73) Il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tan-Nepal bdew f'Ottubru 2012, abbażi ta' nuqqasijiet relatati mas-sikurezza identifikati mir-riżultati ta' verifika tal-USOAP tal-ICAO f'Mejju 2009 kif ukoll ta' għadd kbir ta' inċidenti fatali matul żmien qasir li involvew trasportaturi tal-ajru ċċertifikati min-Nepal u li affettwaw ċittadini tal-Unjoni. Ma hemm ebda trasportatur tal-ajru Nepaliż jopera fl-Unjoni.

(74) Bħala parti mill-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni rċeviet dokumentazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza ippjanati u mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tan-Nepal għas-snin 2012 u 2013. L-eżaminazzjoni ta' din id-dokumentazzjoni indikat li kien għad baqa' xi nuqqasijiet fis-sikurezza u li l-attivitajiet ta' sorveljanza dehru li ma kinux biżżejjed fejn jidħol il-kontroll tar-riskji għas-sikurezza identifikati.

(75) Il-Kummissjoni, megħjuna mill-EASA, kellha konsultazzjonijiet tekniċi mal-awtoritajiet kompetenti tan-Nepal (NCAA) fi Brussell fit-30 ta' Mejju 2013. Matul dawn il-konsultazzjonijiet, l-NCAA spjegat s-sitwazzjoni fil-fond u pprovdiet informazzjoni relatata mal-kontroll ta' riskji għas-sikurezza [details to be provided after the meeting]. L-ispjegazzjonijiet imwassla min-Nepal indikaw li l-attivitajiet ta' sorveljanza kienu aktar kompleti minn kif intwera fid-dokumentazzjoni preċedenti mibgħuta min-Nepal. Il-CAAN ipprovdiet ukoll informazzjoni dwar is-segwitu ta' rakkomandazzjonijiet mir-rapporti investigattivi dwar l-inċidenti u diversi inizjattivi ta' sikurezza. Dawn l-inizjattivi ta' sikurezza inkludew l-istabbiliment ta' objettivi ta' sikurezza u ta' miri għas-sikurezza. Implimentazzjoni effettiva tal-inizjattivi kollha ta' sikurezza għandha twassal għal sorveljanza aħjar u għal kontroll aħjar tar-riskji ta' sikurezza. L-informazzjoni pprovduta minn CAAN fil-laqgħa se tkun ivverifikata minn rieżami ulterjuri tad-dokumentazzjoni.

(76) It-trasportatur bl-ajru SITA Air plc Ltd ħa sehem ukoll fil-konsultazzjoni teknika, u pprovda informazzjoni dwar l-attivitajiet tagħhom marbuta mas-sikurezza u l-interazzjoni ma' CAAN. SITA Air kellha inċident fatali f'Settembru 2012 u spjegat it-tagħlimiet li ttieħdu minn dan l-inċident.

(77) Il-CAAN fadlilha diversi sfidi u l-industrija tal-avjazzjoni tan-Nepal, inkluż fatturi bħalma huma r-reklutaġġ u ż-żamma ta' biżżejjed persunal kompetenti fil-CAAN u t-twettiq ta' operazzjonijiet tal-ajru f'ambjent muntanjuż u impenjattiv ħafna. Il-CAAN uriet li qiegħda taħdem biex tindirizza dawn l-isfidi u għalhekk il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni fin-Nepal.

(78) L-ICAO se jkunu qed iwettqu missjoni ta' awditu dwar il-kordinazzjoni u l-validazzjoni fuq il-post (ICVM) fin-Nepal f'Lulju 2013 u jidher xieraq li wieħed jistenna r-riżultati ta' dik l-attività tal-ICAO qabel ma titlesta l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tas-sikurezza fin-Nepal.

(79) Fil-każ li r-riżultati tal-ispezzjonijiet fir-rampa, jew kwalunkwe informazzjoni tas-sikurezza relevanti oħra, jindikaw li l-istandards internazzjonali tas-sikurezza mhux qed jiġu ssodisfati, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

**Trasportaturi tal-ajru mill-Filippini**

(80) Il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Filippini (CAAP) għadhom għaddejjin bil-għan li jkunu kkonfermati l-azzjonijiet korrettivi meħuda mis-CAAP sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tas-sikurezza enfasizzati mill-verifiki mwettqa kemm mil-ICAO kif ukoll mill-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni tal-Istati Uniti (FAA) fl-2012 u l-2013.

(81) Is-CAAP infurmaw li l-ICAO kienu wettqu ICVM fi Frar 2013, u li fl-1 ta' Marzu 2013 l-ICAO kitbet lis-CAAP fejn infurmathom li l-azzjonijiet korrettivi meħuda mill-Filippini kienu indirizzaw u solvew b'suċċess iż-żewġ SSCs li kienu identifikati, l-ewwel darba matul l-awditu tal-USOAP mill-ICAO f'Ottubru 2009 u t-tieni waqt ICVM li twettaq f'Ottubru 2012.

(82) Konsegwentement, il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-EASA u r-rappreżentanti mill-Istati Membri, fis-16 ta' April 2013 kellha laqgħa mas-CAAP u t-trasportaturi tal-ajru Philippine Airlines u Cebu Pacific Airways biex jiġi diskuss il-progress magħmul fl-indirizzar ta' kwistjonijiet pendenti identifikati mill-ICAO, mill-FAA u miżżjara fuq il-post imwettqa mill-Unjoni mid-DĠ MOVE f'Ottubru 2010.

(83) Waqt il-laqgħa, is-CAAP ikkonfermaw li kien introdott proċess ta' ċertifikazzjoni f'ħames fażijiet flimkien ma' proċess ta' validazzjoni mill-ġdid li kien għaddej għat-trasportaturi tal-ajru eżistenti. 7 trasportaturi tal-ajru kbar u 9 żgħar kienu lestew dak il-proċess, u dawn kienu jinkludu l-Philippine Airlines (PAL) u s-Cebu Pacific (CEB). Il-CAAP taw tagħrif dwar it-twaqqif ta' approċċ b'żewġ sistemi għas-sorveljanza tat-trasportaturi tal-ajru, b'Ċertifikat ta' ġestjoni ("Uffiċċju l-OKS") stabbilita b'persunal ta' 24 li jisepezzjona persuni li jissorveljaw PAL u CEB biss, il-kumpaniji tal-ajru l-oħra li jkunu ssorveljati minn id-dipartimenti tal-operazzjonijiet u tal-ajrunavigabbiltà.

(84) Il-CAAP spjegaw ukoll li huma kienu qed jindirizzaw il-kwistjoni tas-sostenibbiltà tas-sistema billi jżidu s-salarji tal-persunal biex jattiraw persunal tal-ispezzjoni mill-industrija. Kienu ġew implimentati wkoll programmi ta' taħriġ għall-ispetturi. Madankollu, is-CAAP ma spezzjonawx formalment is-Sistemi għall-Immaniġġjar tal-Kwalità (QMS) jew l-SMS tat-trasportaturi tal-ajru taħt is-superviżjoni tagħhom..

(85) Il-PAL għarrfet li kellhom flotta ta' 44 inġenju tal-ajru (Boeing B747, B777, Airbus A340, A330, A320/319) u kellhom ordnati 68 inġenju tal-ajru addizzjonali (44xa321, 20xa330, u 4xa340). L-SMS tagħhom kinu jimmiraw li l-inċidenti b'effett detrimentali fuq l-istandards tas-sikurezza jitnaqqsu b'10 % mis-sena ta' qabel. Ġiet eżaminata d-dejta tal-Monitoraġġ tad-Dejta tat-Titjir (FDM) ta' bejn 95 u 100 % tat-titjiriet, b'enfasi fuq approċċi mhux stabbilizzati u fuq avvenimenti tas-Sistema ta' Twissija ta' Qrubija lejn l-Art (GPWS). Il-QMS tagħhom kienet wettqet 260 spezzjoniji fl-2012 b'94 sejba li tmur kontra l-proċeduri tal-kumpanija li kinu differenti mis-sejbiet magħmula mis-CAAP

minħabba li kienu ġew identifikati iktar kwistjonijiet marbuta mat-taħriġ. Is-CEB spjegat li t-tkabbir tal-flotta kien ta' 7% fis-sena. Kienu se jaslulha 2 inġenji tal-ajru A330 fl-2013 biex jibdew titjiriet fit-tul f'Ġunju, u l-għan kien li jkollha flotta ta' 47 inġenju tal-ajru sa tmiem l-2013. Bħala riżultat tal-laqgħa, il-Kummissjoni, assistita mill-Istati Membri, wettqet żjara fuq il-post fil-Filippini bejn it-3 u s-7 ta' Ġunju 2013.

(86) Il-konklużjonijiet taż-żjara kienu li l-CAAP kienet għad trid tibda tħaddan tekniki moderni ta' kif timmaniġġja s-sikurezza fl-avjazzjoni, kemm fit-trasportaturi tal-ajru li tissorvelja kif ukoll internament. Fil-qasam tal-operazzjonijiet, għad m'hemmx biżżejjed attenzjoni għall-fatturi umani u għall-proċessi tal-SMS.

(87) Madankollu, miż-żjara kien ċar li filwaqt li kien fadal ħafna xi jsir fil-CAAP, id-Direttur Ġenerali tal-Avjazzjoni Ċivili qed jieħu azzjoni ċara biex jiżgura li l-CAAP issir iktar effettiva fil-ġidma tagħha ta' kuljum. Barra minn dan ġir nnutat li hemm pjanijiet fis-seħħ biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ta' livell ta' spetturi li ilhom hemm iżżmien, u dan billi jitjieb il-ħlas u jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ mill-industrija, u l-użu ta'għarfien espert biex jitnaqqas irriskju ta' dikrepanza fis-sorveljanza tat-trasportaturi tal-ajru. Fil-qosor, is-sorveljanza tas-CAAP tat-tarsportaturi tal-ajru tagħha kienet essenzjalment tajba, għalkemm kien għad hemm xi nuqqasijiet partikoalrment fl-oqsma tat-taħriġ, l-istandardizzazzjoni, u s-sistemi tal-immaniġġjar tal-kwalità u tas-sikurezza.

(88) Fil-każ tat-trasportaturi tal-ajru, kemm PAL u Cebu Pacific Air kienu kapaċi juru li kellhom fis-seħħ proċess effettiv dwar is-sikurezzt u kienu kapaċi jiżguraw konformità ma' regolamenti rilevanti tas-sikurezza. Madankollu, fiż-żmien taż-żjara, Cebu Pacific Air kienu involuti f'inċident li qajjem mistoqsijiet rigward il-kontroll tagħhom tal-operazzjonijiet ta' titjir. B'riżultat ta' dan, Cebu Pacific Air ddeċidew li ma jattendux is-seduta tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru sabiex jikkonċentraw fuq li jindirizzaw il-kwistjonijiet ta' sikurezza li jistgħu jirriżultaw minn investigazzjonijiet dwar is-sikurezza li huma għaddejjin bħalissa.

(89) Matul iż-żjara s-CAAP aġġorna l-lista ta' AOC attwali, li juru li 32 trasportaturi tal-ajru huma attwalment ċċertifikati mis-CAAP. Għalhekk, l-Anness A għandu jiġi emendat kif xieraq.

(90) Fis-26 ta' Ġunju 2013 il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru sema' l-preżentazzjonijiet mil-LYCAA. Is-CAAP spjegaw l-azzjonijiet li għaddejjin biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà, inkluż li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ta' riżorsi umani, il-forniment ta' tagħmir tal-IT, il-produzzjoni ta' Programm għas-Sikurezza tal-Istat, l-aġġornament tal-leġiżlazzjoni, u t-titjib ta' taħriġ b'mod partikolari fuq l-SMS.

(91) Il-PAL, minbarra li koprew il-punti li saru matul il-laqgħa fis-16 ta' April 2013, taw tagħrif dwar l-azzjonijiet meħuda sabiex jindirizzaw l-osservazzjonijiet li rriżultaw miż-żjara fuq il-post. Fejn jidħlu l-pjanijiet ta' espansjoni tagħhom, huma rrikonoxxew li d-dispożizzjoni ta' għadd xieraq ta' bdoti tkun sfida iżda nnutaw li l-inġenji tal-ajru l-ġodda se jieħdu post ukoll inġenji tal-ajru aktar qodma u konsegwentement ir-rata tal-espansjoni kien maniġġabbli.

(92) Filwaqt li jittieħed kont tas-sorveljanza tas-sikurezza pprovduta mill-CAAP u tal-abbiltà tal-PAL li tiżgura konformità effettiva mar-regolamenti rilevanti tas-sikurezza tal-avjazzjoni, qed jitqies li t-trasportatur tal-ajru Philippine Airlines għandu jitneħħa mill-Anness A.

(93) L-Istati Membri se jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards relevanti tal-istandards tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni u l-ispezzjonijiet fir-rampa li għandhom isiru fuq l-inġenji tal-ajru ta' Air Astana skont ir-Regolament (KE) Nru 965/2012. Fil-każ li r-riżultati ta' tali verifiki, jew kwalunkwe informazzjoni tas-sikurezza relevanti oħra, jindikaw li l-istandards internazzjonali tas-sikurezza mhux qed jiġu ssodisfati, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(94) Madankollu, il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru kienu inkoraġġiti mill-azzjonijiet meħuda mill-CAAP fl-indirizzar ta' kwistjonijiet pendenti ta' sikurezza u se jkomplu jissorveljaw mill-qrib is-sitwazzjoni bil-ħsieb li jwettqu analiżi ulterjuri ta' dan il-każ f'Kumitati għas-Sikurezza tal-Ajru fil-futur.

**It-trasportaturi tal-ajru mill-Federazzjoni Russa**

(95) Inġenji tal-ajru operati minn trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fil-Federazzjoni Russa u li jtiru lejn ajruporti fl-Unjoni qed ikunu suġġetti għal spezzjonijiet fir-rampa tas-SAFA bi prijorità biex tkun verifikata l-konformità tagħhom mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-EASA għadhom għaddejjin jinfurmaw il-kontropartijiet tagħhom fil-Federazzjoni Russa ta' tħassib identifikati u tistedinhom sabiex jieħu azzjoni biex jindirizza kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-istandards tal-ICAO.

(96) Sadanittant, il-Kummissjoni għadha għaddejja bid-djalogu dwar kwistjonijiet ta' sikurezza tal-avjazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa b'mod partikolari biex jiġi żgurat li kwalunkwe riskji attwali kkawżati minn kwalità fqira fil-prestazzjoni tas-sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fil-Federazzjoni Russa jiġu kkontrollati b'mod adegwat.

(97) Fit-13 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-EASA u diversi Stati Membri, għamlet laqgħa mar-rappreżentanti tal-Aġenzija Federali tat-Trasport tal-Ajru Russa (FATA) fejn il-FATA pprovdiet aġġornament dwar il-miżuri meħuda mill-awtorità u mit-trasportaturi tal-ajru kkonċernati biex jiġu indirizzati s-sejbiet identifikati waqt l-ispezzjonijiet fir-rampa tas-SAFA. B'mod

partikolari, il-FATA ddikjarat li trasportatur tal-ajru wieħed kien tqiegħed taħt kontroll speċjali, filwaqt li trasportatur ieħor ġielu revokat l-AOC tiegħu.

(98) Matul din il-laqgħa, il-FATA infurmat li matul l-ewwel nofs tal-2013 il-Vim Airlines ġie spezzjonat ta' spiss u kkonkludiet li skont ir-riżultati tal-verifika l-Vim Airlines ħadmet f'livell ta' sikurezza aċċettabbli. Fir-rigward Red Wings, il-FATA infurmat li wara s-sospensjoni tal-AOC tiegħu fi Frar 2013, dan it-trasportatur tal-ajru kien għadda minn żviluppi korporattivi sinifikanti. Barra minn hekk, skont ir-riżultat tal-ispezzjoni tat-trasportatur, li kienu għadhom għaddejjin fi żmien tal-laqgħa, l-operazzjonijiet kummerċjali bl-ajru jistgħu jiġu awtorizzati mill-ġdid. Il-Kummissjoni rrakkomandat iċċekkjar bir-reqqa tal-livell ta' prontezza min-naħa ta' Red Wings biex twettaq operazzjonijiet kummerċjali bl-ajru lejn l-UE qabel ma t-tali operazzjonijiet jiġu awtorizzati mill-ġdid u talbet informazzjoni dwar dan qabel il-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru.

(99) Wara l-laqgħa, il-FATA pprovdiet aktar informazzjoni. B'mod partikolari, irrapportat li Red Wings kienet ġiet awtorizzata mill-ġdid biex twettaq operazzjonijiet kummerċjali mis-17 ta' Ġunju 2013.

(100) Il-Kummissjoni, l-EASA u l-Istati Membri għandhom ikomplu jimmonitorjaw mill-qrib il-prestazzjoni tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru, iċċertifikati fil-Federazzjoni Russa, li joperaw lejn l-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tkompli tiskambja l-informazzjoni relatata mas-sikurezza mal-awtoritajiet kompetenti Russi sabiex ikun konfermat li s-sejbiet li jirriżultaw minn spezzjonijiet fir-rampa tas-SAFA jkunu ġew indirizzati b'mod adegwat mit-trasportaturi tal-ajru kkonċernati.

(101) Fil-każ li r-riżultati tal-ispezzjonijiet fir-rampa, jew kwalunkwe informazzjoni tas-sikurezza relevanti oħra, jindikaw li l-istandards internazzjonali tas-sikurezza mhux qed jiġu ssodisfati, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

**Is-Sudan**

(102) Il-konsultazzjonijiet mal-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tas-Sudan (SCAA) kompliet bil-għan li tikkonferma li s-Sudan qed jagħmel progress fil-hidma tiegħu biex jirriforma s-sistema tas-sikurezza fis-settur tal-avjazzjoni ċivili tiegħu sabiex jiġu indirizzati s-sejbiet tas-sikurezza mressqa mill-ICAO matul l-awditu tal-USOAP tal-2006 u l-awditu tal-ICVM imwettqa f'Diċembru 2011. Dawn l-awditi wasslu għal SSC relatata mal-proċess ta' ċertifikazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikati lill-operaturi tal-ajru.

(103) Fit-3 ta' Jannar 2013, l-SCAA infurmat lill-Kummissjoni li l-SCAA kienet tejbet il-kapaċitajiet tagħha ta' sorveljanza, inkluża s-sistema għaċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni tat-trasportaturi bl-ajru, organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni u organizzazzjonijiet ta' taħriġ approvati. Għalhekk, wara l-awditu ICVM ta' Mejju 2012, l-ICAO kienet neħħiet l-SSC.

(104) Sussegwentement, il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-EASA, għamlet laqgħa mal-SCAA fid-29 ta' April 2013. L-SCAA għarrfet li issa kienet organizzazzjoni awtonoma bil-baġit tagħha, li t-titjib fis-sistema tas-sikurezza fis-settur tal-avjazzjoni tas-Sudan kien possibbli permezz tal-użu ta' għarfien espert estern, u li kienet qed tirrekluta b'mod attiv lokalment u tgħolli s-salarji biex ikunu kompetittivi mal-industrija. L-SCAA iddikjarat li kienu biss 6 t-trasportaturi tal-ajru li issa ġew iċċertifikati biex joperaw titjiriet internazzjonali (Sudan Airways, Marshland Aviation, Badr Airlines, Sun Air Aviation, Nova Airways u Tarco Air) flimkien ma' 7 trasportaturi tal-ajru oħrajn ristretti għal operazzjonijiet domestiċi. L-SCAA wasslet tagħrif dwar ir-riżultati tal-ICVM f'Mejju 2012, u nnutat li l-livell ta' implimentazzjoni effettiva tal-Istandards tal-ICAO issa kien għoli, partikolarment fl-Operazzjonijiet ta' Titjir u fl-Ajrunavigabbiltà.

(105) L-SCAA infurmat li kienet wettqet valutazzjoni tar-riskju dwar l-operat kontinwu ta' inġenji tal-ajru qodma, mibnija l-Unjoni Sovjetika, li wasslet biex 50 % ta' dawk l-inġenji tal-ajru nżammu fir-Reġistru tas-Sudan.

(106) Fl-4 ta' Ġunju 2013, l-SCAA ressqet lill-Kummissjoni kopja tar-Reġistru tagħhom tal-AOC fejn jidhru 18-il inġenju tal-ajru b'AOC, u sitta minn dawn bħalissa huma sospiżi. Ipprovdiet ukoll dettalji tar-revoka tal-AOCs tal-Attico Airlines (AOC No. 023); Sudanese States Aviation Company (AOC No. 010); Azza Air Transport (AOC No 012); Almajarah Aviation (AOC No. 049); Helilift (AOC No. 042); u Feeder Airlines (AOC No. 050). L-Anness A għandu jiġi aġġornat abbażi tal-informazzjoni mwassla mill-SCAA.

(107) L-SCAA għamlet preżentazzjoni quddiem il-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru fil-25 ta' Ġunju 2013. L-SCAA kienet akkumpanjata mid-Direttur Ġenerali tal-Arab Civil Aviation Commission ('ACAC'), li rrikonoxxa li l-Lista tas-Sikurezza tal-UE tista' tkun katalista għall-istati biex jindirizzaw kwistjonijiet sistemiċi marbuta mas-sikurezza, innota l-benefiċċju li jinkiseb meta l-Istati jaħdmu flimkien f'kuntest reġjonali u enfasizza s-sostenn li qed jingħata mill-ACAC f'dan ir-rigward.

(108) L-SCAA, minbarra l-punti li saru matul il-laqgħa fid-29 ta' April 2013, informaw lill-Kumitat dwar il-pjan biex il-persunal tal-ispezzjoni jattendi Kors għall-Ispetturi tal-ICAO f'Lulju u Awwissu 2013 u dwar it-tneħħija, ippjanata għall-2013, tal-inġenji tal-ajru kollha tat-tip Tupolev TU134 u Antonov An12 mir-reġistru tat-trasportaturi tal-ajru Sudaniż. L-SCAA infurmaw ukoll li t-trasportaturi tal-ajru kollha fis-Sudan huma mistennija jkunu konformi mar-rekwiżiti tas-sikurezza sa tmiem l-2013.

(109) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru apprezza l-progress kbir irrappurtat mill-awtoritajiet kompetenti tas-Sudan fir-rettifika tan-nuqqasijiet identifikati mill-ICAO iżda rrikonoxxa li kien għad hemm xi jsir sabiex wieħed jasal għal sitwazzjoni fejn kemm l-SCAA u kemm it-trasportaturi bl-ajru taħt is-superviżjoni tagħha jkunu f'pożizzjoni li jiżguraw konformità sħiħa mal-istandards tal-ICAO. Il-Kummissjoni għalhekk se tkompli tissorvelja mill-qrib il-progress li sar mill-SCAA bil-għan li jirrieżaminaw il-każ f'laqgħat tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru fil-futur.

**Conviasa**

(110) Trasportatur tal-ajru wieħed iċċertifikat fir-Repubblika Bolivarjana tal-Veneżwela, Conviasa, kien suġġett għal projbizzjoni fuq l-operat minn April 2012 minħabba l-prestazzjoni fqira ħafna fl-ispezzjonijiet SAFA, bosta inċidenti u nuqqas ta' tweġiba adegwata għat-talbiet ta' informazzjoni magħmula mill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru. Wara dan, il-Kummissjoni laħqet qbil mal-awtoritajiet kompetenti tal-Veneżwela, fit-18 ta' Ġunju 2012, dwar pjan direzzjonali sabiex jiġu riżolti n-nuqqasijiet tas-sikurezza identifikati u li jippermettu reviżjoni tad-Deċiżjoni tal-Unjoni.

(111) Il-konsultazzjonijiet mal-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Veneżwela (INAC) baqgħet għaddejja fl-2013 bil-għan li jkun konfermat li l-Veneżwela għaddejja bil-ħidma tagħha biex ittejjeb is-sorveljanza tal-opertauri tagħha tal-ajru u biex ikun żgurat li l-Conviasa tkompli taħdem biex tgħolli l-istatus taħħha fejn tidħol is-sikurezza tant li tilħaq l-istandards internazzjonali meħtieġa.

(112) F'Mejju 2013, l-awtoritajiet kompetenti tal-Veneżwela pprovdew lill-Kummissjoni, permezz tal-awtoritajiet kompetenti Spanjoli, serje ta' sottomissjonijiet bil-miktub li jagħtu d-dettalji tal-implimentazzjoni ta' xi whud mill-azzjonijiet fil-pjan miftiehem f'Ġunju 2012.

(113) Sussegwentement, il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-EASA, għamlet laqgħa mal-SCAA fis-7 ta' Ġunju 2013. Conviasa tat tagħrif fid-dettall dwar it-titjib li sar sabiex jiġu indirizzati s-sejbiet preċedenti tal-ispezzjonijiet tas-SAFA, dwar it-tagħlimiet meħuda u r-rakkomandazzjonijiet li joħorġu minn inċidenti, kif ukoll dwar dawk il-bidliet introdotti bħala konsegwenza tal-aħħar awditu tal-INAC. B'mod partikolari, Conviasa enfasizzat is-sistema tagħha ta' kontrolli qabel it-titjira, li tixbah ħafna lil tas-SAFA, kif ukoll it-titjib li sar fis-sistemi tal-immaniġġjar tas-sikurezza, fil-kwalità ġenerali, fil-manutenzjoni u fil-proċessi kontinwi tal-ajrunavigabbiltà. Conviasa għarrfet ukoll bil-pjanijiet ta' espansjoni u t-tiġdid tal-flotta tagħhom għas-snin li ġejjin, bl-irtirar progressiv tal-Boeing B737-200 u b737-300 u l-aċċelerazzjoni tal-introduzzjoni diġà fis-seħħ tat-tip ta' inġenji tal-ajru ġdid, l-Embraer ERJ 190.

(114) L-INAC wasslet tagħrif dwar l-istruttura u l-mekkaniżmi interni tagħhom, tat informazzjoni dettaljata dwar il-proċeduri li hemm fis-seħħ biex jiġu indirizzati r-riżutati tas-SAFA tal-UE tat-trasportaturi tal-ajru tal-Veneżwela, u kompliet tinforma dwar l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħhom ta' sorveljanza, li dalwaqt se jinkludu spezzjonijiet fir-rampa fit-trasportaturi tal-ajru nazzjonali tagħhom. L-INAC spjegat ukoll li t-tnaqqis reċenti fil-missjoni ICVM tal-ICAO, li seħħet bejn it-22 u t-28 ta' Mejju 2013, għandu jirriżulta f'titjib fil-livell attwali tal-pajjiż fejn tidħol l-implimentazzjoni tal-istandards tal-ICAO.

(115) L-SCAA għamlet preżentazzjoni quddiem il-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru fis-26 ta' Ġunju 2013. Huma informaw lill-Kumitat dwar il-punti diskussi f'laqgħa li saret nhar is-7 ta' Ġunju 2013.

(116) L-SCAA għamlet preżentazzjoni quddiem il-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru fis-26 ta' Ġunju 2013. Huma informaw lill-Kumitat dwar il-punti diskussi f'laqgħa li saret nhar is-7 ta' Ġunju 2013 u enfasizzaw li, jekk dawn jitħallew jerġgħu jinbdew joperaw fl-Unjoni, huma se jadottaw mod varjat ta' operazzjonijiet, li jikkombina l-operazzjoni tagħhom stess tal-Airbus A340-200 ma' operazzjoni tal-kiri bl-ekwipaġġ ta' tip ekwivalenti ta' inġenju tal-ajru.

(117) Fuq il-bażi tal-verifika mwettqa minn Spanja u ż-żjara reċenti mill-ICAO kif ukoll tal-preżentazzjonijiet li għamlu l-INAC u Conviasa, il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru apprezza l-proġetti kbar u l-progress kollu li sar fir-rettifika tan-nuqqasijiet identifikati mill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru fl-2012. Għaldaqstant, abbażi ta' dan l-iżvilupp u tal-kriterji komuni, qed jitqies li dan it-trasportatur tal-ajru għandu jitneħħa mill-Anness A.

(118) L-Istati Membri se jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards relevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li għandhom jitwettqu fuq l-inġenji tal-ajru ta' trasportaturi tal-ajru liċenzjati fil-Mawritanja skont ir-Regolament (KE) Nru 965/2012.

(119) Fil-każ li r-riżultati tal-ispezzjonijiet fir-rampa, jew kwalunkwe informazzjoni tas-sikurezza relevanti oħra, jindikaw li l-istandards internazzjonali tas-sikurezza mhux qed jiġu ssodisfati, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(120) Fil-kuntest tal-aġġornar tal-Annessi, l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nr 2111/2005 jirrikonoxxi l-ħtieġa biex id-deċiżjonijiet jittieħdu malajr u, fejn xieraq, b'mod urġenti, minħabba l-implikazzjonijiet tas-sikurezza. L-esperjenza bl-aġġornament tal-Annessi wriet ukoll li huwa essenzjali, għall-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva u sabiex ikunu minimizzati l-impatti kummerċjali, li d-deċiżjonijiet fil-kuntest tal-aġġornament tal-lista jiġu ppubblikati u jiddaħħlu fis-seħħ malajr kemm jista' jkun wara l-adozzjoni tagħhom.

(121) Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(122) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-Anness A għandu jinbidel bit-test imniżżel fl-Anness A għal dan ir-Regolament.

2. L-Anness B għandu jinbidel bit-test imniżżel fl-Anness B għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Siim KALLAS
*Viċi President*

*ANNESS A*

**IL-LISTA TAT-TRASPORTATURI BL-AJRU LI L-OPERAT KOLLU TAGĦHOM HUWA SUĠĠETTI GĦAL PROJBIZZJONI FL-UE** [1]

| Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif muri fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk ikun differenti) | In-Numru taċ-Ċertifikat ta' Operatur tal-Ajru (AOC) jew tal-Liċenzja tal-Operat | In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru | L-Istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| BLUE WING AIRLINES | SRBWA-01/2002 | BWI | Is-Surinam |
| MERIDIAN AIRWAYS LTD | AOC 023 | MAG | Ir-Repubblika tal-Gana |
| **It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Afganistan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi** | | | **Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan** |
| ARIANA AFGHAN AIRLINES | AOC 009 | AFG | Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan |
| KAM AIR | AOC 001 | KMF | Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan |
| PAMIR AIRLINES | Mhux magħruf | PIR | Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan |
| SAFI AIRWAYS | AOC 181 | SFW | Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan |
| **It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Angola responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, bl-eċċezzjoni ta' TAAG Angola Airlines li ddaħħal fl-Anness B, inklużi** | | | **Ir-Repubblika tal-Angola** |
| AEROJET | AO 008-01/11 | TEJ | Ir-Repubblika tal-Angola |
| AIR26 | AO 003-01/11-DCD | DCD | Ir-Repubblika tal-Angola |
| AIR GICANGO | 009 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| AIR JET | AO 006-01/11-MBC | MBC | Ir-Repubblika tal-Angola |
| AIR NAVE | 017 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| ANGOLA AIR SERVICES | 006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| DIEXIM | 007 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| FLY540 | AO 004-01 FLYA | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| GIRA GLOBO | 008 | GGL | Ir-Repubblika tal-Angola |
| HELIANG | 010 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| HELIMALONGO | AO 005-01/11 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| MAVEWA | 016 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |

[1] It-trasportaturi bl-ajru elenkati fl-Anness B jistgħu jingħataw permess jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku tagħhom billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ minghand trasportatur bl-ajru li mhuwiex suġġett għal projbizzjoni fuq l-operat, dejjem jekk tinżamm il-konformità mal-istandards tas-sikurezza rilevanti.

| Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif muri fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk ikun differenti) | In-Numru taċ-Ċertifikat ta' Operatur tal-Ajru (AOC) jew tal-Liċenzja tal-Operat | In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru | L-Istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| SONAIR | AO 002-01/10-SOR | SOR | Ir-Repubblika tal-Angola |
| **It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Benin responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi** | | | **Ir-Repubblika tal-Benin** |
| AERO BENIN | PEA No 014/MDCTTTATP-PR/ANAC/DEA/SCS | AEB | Ir-Repubblika tal-Benin |
| AFRICA AIRWAYS | Mhux magħruf | AFF | Ir-Repubblika tal-Benin |
| ALAFIA JET | PEA No 014/ANAC/MDCTTTATP-PR/DEA/SCS | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Benin |
| BENIN GOLF AIR | PEA No 012/MDCTTP-PR/ANAC/DEA/SCS. | BGL | Ir-Repubblika tal-Benin |
| BENIN LITTORAL AIRWAYS | PEA No 013/MDCTTTATP-PR/ANAC/DEA/SCS. | LTL | Ir-Repubblika tal-Benin |
| COTAIR | PEA No 015/MDCTTTATP-PR/ANAC/DEA/SCS. | COB | Ir-Repubblika tal-Benin |
| ROYAL AIR | PEA No 11/ANAC/MDCTTP-PR/DEA/SCS | BNR | Ir-Repubblika tal-Benin |
| TRANS AIR BENIN | PEA No 016/MDCTTTATP-PR/ANAC/DEA/SCS | TNB | Ir-Repubblika tal-Benin |
| **It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Kongo responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi** | | | **Ir-Repubblika tal-Kongo** |
| AERO SERVICE | RAC06-002 | RSR | Ir-Repubblika tal-Kongo |
| CANADIAN AIRWAYS CONGO | RAC06-012 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Kongo |
| EMERAUDE | RAC06-008 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Kongo |
| EQUAFLIGHT SERVICES | RAC 06-003 | EKA | Ir-Repubblika tal-Kongo |
| EQUAJET | RAC06-007 | EKJ | Ir-Repubblika tal-Kongo |
| EQUATORIAL CONGO AIRLINES S.A. | RAC 06-014 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Kongo |
| MISTRAL AVIATION | RAC06-011 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Kongo |
| TRANS AIR CONGO | RAC 06-001 | TSG | Ir-Repubblika tal-Kongo |

| Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif muri fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk ikun differenti) | In-Numru taċ-Ċertifikat ta' Operatur tal-Ajru (AOC) jew tal-Liċenzja tal-Operat | In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru | L-Istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| **It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi** | | | **Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ir-RDK)** |
| AFRICAN AIR SERVICE COMMUTER | 104/CAB/MIN/TVC/2012 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ir-RDK) |
| AIR BARAKA | 409/CAB/MIN/TVC/ 002/2011 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ir-RDK) |
